# MISTOQSIJIET LILL-KANDIDATI GĦAT-TMEXXIJA TAL-PL

MALTA LGBTIQ RIGHTS MOVEMENT

## 2 TA' JANNAR 2020

# INTRODUZZJONI

Il-Malta LGBTIQ Rights Movement (MGRM) ilha għal dawn l-aħħar għoxrin sena taħdem għall-kisbiet ta' diversi drittijiet ċivili, li ħafna minnhom inkisbu f'dawn l-aħħar snin.  Fid-dawl tal-bidla fit-tmexxija tal-Partit Laburista u allura fil-pożizzjoni ta' Prim Ministru, drittijiet bħall-ugwaljanza fiż-żwieġ, id-dritt li familja b'koppja tal-istess sess tkun tista' taddotta, id-dritt li persuna tibdel il-ġeneru legali skont l-affermazzjoni tal-individwu, id-dritt għal trattament mediku għal persuni trans, u b'mod ġenerali l-ugwaljanza sħiħa quddiem il-liġi jafu jkunu mhedda.

Għaldaqstant, l-MGRM tat l-opportunità lill-Onorevoli Chris Fearne u Robert Abela bħala ż-żewġ kandidati għal din il-pożizzjoni sabiex jagħtu r-risposti tagħhom għal sett ta' domandi komuni bejn it-tnejn.

Il-kandidati ġew mgħarrfa li r-risposti ser ikunu qed jiġu ppublikati fuq is-sit tagħna, kif ukoll fuq il-paġni tagħna fuq il-mezzi tal-media soċjali li nużaw.

Il-kandidati rrispondew il-mistoqsijiet bil-Malti.  Ir-risposti ġew maqluba għall-Ingliż sabiex jilħaq udjenza akbar.

# MISTOQSIJIET

*1) X'inhi l-pożizzjoni tiegħek fuq id-drittijiet ċivili b'mod ġenerali?*

**CF** - Ebda Gvern fl-istorja Maltija ma ta daqshekk drittijiet ċivili lil setturi soċjali differenti daqs kemm ta l-Gvern Laburista mill-2013 sal-lum. Dan huwa fatt. Għamilna bizzejjed? Le. U qatt ma nistgħu nagħmlu biżżejjed. Għaliex id-drittijiet ċivili joħorġu mill-ġuf tas-soċjetà ċivili nnifisha, li l-ħin kollu qed tinbidel. Id-drittijiet jinħolqu u jinbidlu hekk kif tinbidel is-soċjetà.

**RA** - Bħala Malti kbur bil-mixja li għamilna tul dawn l-aħħar snin. U nwiegħed li jekk ningħata l-fiduċja li nkun mexxej tal-Partit Laburista u allura Prim Ministru tal-pajjiż, inkompli naħdem biex Malta tibqa' tkun pijunier f'dan is-settur.

*2) Inti favur li persuni tal-istess sess jiżżewġu u jibdew familja?*

**CF** - Iva u għalhekk dejjem ivvutajt favur.

**RA** - Jien favur li koppja gay ikollha l-ulied. U favur li jistgħu jaddottaw.

## *3) Tikkunsidra li treġġa' lura parzjalment jew kompletament xi dritti ċivili bħall:-*

- *Protezzjonijiet inkluż protezzjoni kostituzzjonali minn diskriminazzjoni lejn persuni abbażi tal-identità tal ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali fost l-oħrajn*
- *Projbizzjoni tal-prattiċi ta' konverżjoni (li tinkludi l-conversion therapy)*
- *L-Ugwaljanza fl-Att dwar iż-Żwieġ*
- *Adozzjoni minn koppji tal-istess sess*
- *Id-drittijiet imniżżla fl-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, L-Identità tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru?*

**CF** - Lanqas biss jgħaddili minn rasi.

**RA** - L-ebda dritt li ngħata m'għandu jitneħħa - anzi rridu nkomplu nibnu fuq dak li diġa' ksibna bħala pajjiż, u biħsiebni mhux biss nikkonsulta magħkom iżda ninvolvikom b'mod sħiħ għal aktar tisħiħ ta' dawn id-drittijiet.

Malta hi l-aqwa fid-dinja fil-ġlieda kontra l-omofobija u rrid li Malta tibqa' l-ewwel f'dan is-settur. Għalija l-MGRM hi stakeholder ewlieni f'din il-mixja. Irridu nitkellmu bil-fatti:

Fatti bħal meta kien Gvern Laburista taħt it-tmexxija ta' Dom Mintoff li neħħa minn reat kriminali li tkun gay;

Bil-fatti meta fl-2016 Malta saret l-ewwel pajjiż tal-Unjoni Ewropea li għamlet ban fuq conversion therapy;

Fatti bħal meta Malta, f'Settembru tal-2017, flimkien mal-kumplament tal-Kabinett u l-Grupp Parlamentari Laburista jiena fil-Parlament ivvutajt favur biex għaddejna l-Liġi ta' Żwieġ Ugwali.

## *4) X'inhi l-pożizzjoni tiegħek fuq il-maternità surrogata (surrogacy)?*

**CF** - Jien diġà esprimejt ruħi favur surrogacy altruwista - jiġifieri bħala att ta' mħabba u mingħajr ħlas jew kumpens materjali.

**RA** - Dwar surrogacy, li sal-lum f'Malta kunsidrata bħala reat kriminali, nemmen li hemm bżonn li iva niddiskutu fil-kuntest wiesa tiegħu, mhux biss għall-koppji gay imma għal koppji eterosesswali. Hemm bżonn dibattitu matur ħafna. Fil-passat jien esprimejt ruħi pubblikament bħala personalment favur is-surrogacy.

Hi realta li koppji mhux tal-istess sess qed jirrikorru għal surrogacy barra minn Malta. Bl-istess mod naf ukoll koppji tal-istess sess li għamlu surrogacy barra mil-pajjiż.

## *5) Taqbel li persuni li qed jgħixu bl-HIV għandu jibda jkollhom aċċess għal trattament modern u dinjituż? Tikkunsidra li tintroduċi PrEP trials ta' mediċina preventiva?*

**CF** - Naħseb li dal-gvern diġà wera sensittività u rispett ikbar minn qatt qabel lejn persuni li għandhom l-HIV. Fil-fatt allokajna riżorsi kbar għal dan il-għan, u fl-2020 se jidħlu mediċini moderni u mingħajr ħlas għall-HIV. Rigward il-PrEP jien diġà kommess li nintroduċiha fil-futur qarib.

**RA** - Domanda bhal din inkun nista nirrispondiha wara li nikkonsulta mal-Ministru tas-Sahha, Mr Fearne, u l-bqija tal-Kabinett.

### *6) Taqbel li rġiel li jkollhom relazzjoni sesswali ma rġiel oħra għandhom jastjenu minn attività sesswali għal sena qabel ma jkunu jistgħu jagħtu d-demm? Għaliex?*

**CF** - Jien diġà on-record li dal-perjodu ta' sena jista' jitnaqqas għal erba' xhur wara li jsiru t-testijiet epidemjoloġiċi u jiġu verifikati. Għalija din hi wkoll kwistjoni medika b'importanza assoluta li kulmin jirċievi d-demm ikollu moħħu mistrieħ.

**RA** - Dan hu suġġett li għadu dibattibbli s'issa f'bosta pajjiżi madwar id-dinja. Fl-opinjoni tiegħi, naraha diskriminatorja meta xi ħadd joħloq stigma fuq persuni gay u jċaħħadhom milli jagħtu d-demm jew joħloq limitazzjoni/restrizzjoni. Nifhem li jrid ikun hemm mekkaniżmu li jkun safe. Imma jekk qed nitkellmu fuq il-kelma safe, irrid nara mekkaniżmu safe safejn possibbli mingħajr distinzjoni bejn individwu u orjentazzjoni sesswali.

X'qed ngħidu bħala soċjeta? Li min hu gay huy persuna ħażina u li bilfors hi ta' periklu biex tagħti d-demm? Bl-istess kejl, persuna li mhix gay imma li tibdel minn partner għall-ieħor f'relazzjoni sesswali mingħajr protezzjoni qed tagħmel tajjeb?

---

### *7) Taqbel li fil-klassijiet tal-iskola għandu jkun hemm letteratura nklussiva u li tolqot l-ispectrums kollha?*

**CF** - Iva naqbel. Iktar ma nibdew ngħallmu minn kmieni lill-istudenti jabraċċjaw id-diversità fl-iktar sens wiesa' tagħha iktar se jkollna soċjetà b'saħħitha, kreattiva u f'paċi magħha nnifisha.

**RA** - Nemmen li f'dan id-dibattitu rridu nagħmlu rivoluzzjoni fis-sistema edukattiva sesswali li tibda minn meta t-tfal ikunu iżgħar fl-eta li kulħadd jifhem ir-responsabilitajiet tiegħu u jitneħħa t-taboo darba għal dejjem fuq mezzi ta' protezzjoni fosthom il-kontraċettivi.